

Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni

tas-27 ta' Marzu 2012

dwar proċediment skont l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE**(Każ COMP/38.695 – Klorat tas-Sodju)**

(notifikata bid-dokument numru C(2012) 1965 final)

(It-test bl-Ingliż biss hu awtentiku)**(Test b'relevanza ghaż-ŻEE)**

(2012/C 162/07)

Fis-27 ta' Marzu 2012, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni li temenda d-Deċiżjoni C(2008) 2626 finali tal-11 ta' Ġunju 2008 dwar proċediment skont l-Artikolu 81 tat-Trattat tal-KE (li issa huwa l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea) u l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE, sa fejn kienet indirizzata lil Uralita SA. F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 30 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003⁽¹⁾, il-Kummissjoni tippubblika l-ismijiet tal-partijiet u l-kontenut ewlieni tad-deċiżjoni, inklużi kwalunkwe penali imposti, filwaqt li tqis l-interess leġittimu tal-impriżi li jipproteġu s-sigrietu tan-negozju tagħhom.

1. INTRODUZZJONI

- (1) Id-Deċiżjoni hija indirizzata lil entità legali waħda: Uralita SA.
- (2) Verżjoni mhux kunfidenzjali tad-deċiżjoni tinsab fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni fl-indirizz li ġej: http://ec.europa.eu/comm/competition/index_en.html

impressaq minn Uralita kontra d-Deċiżjoni tal-2008. Għaldaqstant, ma mmodifikatx il-multa ta' EUR 9,9 miljun li d-Deċiżjoni imponiet fuq Uralita.

- (6) Fit-12 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni ġiet infurmata li Aragonesas ma baqgħetx teżisti mill-31 ta' Mejju 2010, b'segwitu għall-amalgamazzjoni tagħha ma' Ercros SA. Permezz tal-ittra tat-23 ta' Jannar 2012, Uralita infurmat lill-Kummissjoni li hija aċċettat li, *inter alia*, tkun l-unika destinatarja ta' kwalunkwe deċiżjoni ta' emenda.

2. DESKRIZZJONI TAL-KAŻ**2.1. Proċedura**

- (3) Fid-Deċiżjoni C(2008) 2626 finali (minn issa 'l quddiem imsejħa "id-Deċiżjoni tal-2008"), il-Kummissjoni imponiet multa ta' EUR 9,9 miljun konġuntament u separatament fuq Aragonesas Industrias y Energía S.A.U. ("Aragonesas") u Uralita SA ("Uralita"), ibbażata fuq sejba li indikat li bejn is-16 ta' Diċembru 1996 u d-9 ta' Frar 2000, huma kienu pparteċipaw fi ksur.
- (4) Fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Ottubru 2011 fil-Każ T-348/08 *Aragonesas vs. il-Kummissjoni*⁽²⁾ (is-"sentenza Aragonesas"), il-Qorti Ġenerali qieset li, fuq il-bażi tal-provi li ġew ippreżentati lilha, Aragonesas kienet ipparteċipat fil-kartell bejn it-28 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Diċembru 1998. Minkejja li l-Qorti kkonfermat id-Deċiżjoni tal-2008 fir-rigward tal-parteeċipazzjoni ta' Aragonesas fil-ksur għall-perjodu ta' żmien iqsar, u ħadhet it-talbiet kollha li kienu jikkonċernaw l-ikkalkular tal-multa (minbarra l-multiplikatur tat-tul ta' żmien), hija annullat kompletament il-multa imposta fuq Aragonesas.
- (5) Fl-istess waqt, fil-Każ T-349/08 *Uralita vs. il-Kummissjoni*⁽³⁾ (is-"sentenza Uralita"), il-Qorti Ġenerali ħadhet ir-rikors

- (7) Fit-12 ta' Marzu 2012, il-Kumitat Konsultattiv fil-qasam tal-Prattiki Restrittivi u l-Pożizzjonijiet Dominanti ħareġ b'opinjoni favorevoli.

2.2. Sommarju tad-Deċiżjoni

- (8) Id-Deċiżjoni tnaqqas il-perjodu tal-ksur għal Uralita u tillimitah għall-perjodu ta' bejn it-28 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Diċembru 1998, fid-dawl tas-sentenza *Aragonesas* u minkejja li s-sentenza *Uralita* kienet ħadhet ir-rikors ta' Uralita għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-2008.
- (9) Il-multa imposta fuq Uralita ġiet stabbilita fuq il-bażi tal-istess parametri li ntużaw u li ġew indikati meta ġiet iffissata l-multa oriġinali fid-Deċiżjoni tal-2008, minbarra l-multiplikatur tat-tul ta' żmien li hu stabbilit għal 0,91 biex jirrifletti l-perjodu ta' żmien imnaqqas li matulu seħħ il-ksur.
- (10) Fir-rigward tal-imgħax li akkumula fuq l-ammont oriġinali tal-multa ta' EUR 9,9 miljun li tħallset proviżorjament minn Uralita fis-16 ta' Settembru 2008, id-Deċiżjoni tikkonkludi li, ladarba l-Qorti Ġenerali kkonfermat li Uralita pparteċipat fil-ksur fil-perjodu ta' bejn it-28 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Diċembru 1998, l-imgħax dovut fuq l-ammont tal-multa li għandu jiġi impost fuq Uralita skont din id-Deċiżjoni (jiġifieri, l-imgħax fuq EUR 4 231 000) akkumula għall-benefiċċju tal-Kummissjoni u għaldaqstant se jinżamm mill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1.

⁽²⁾ Il-Każ T-348/08 *Aragonesas Industria y Energía SAU vs. il-Kummissjoni Ewropea*, għadu ma ġiex irrappurtat, is-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2011. La Aragonesas u lanqas il-Kummissjoni ma appellaw kontra s-sentenza li nġhatat u li issa hija definittiva.

⁽³⁾ Il-Każ T-349/08 *Uralita SA vs. il-Kummissjoni Ewropea*, għadu ma ġiex irrappurtat, is-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2011. Uralita ma appellatx kontra s-sentenza li nġhatat u li issa hija definittiva.

3. DEĊIŻJONI

(11) Id-Deċiżjoni tal-2008 hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1, il-punt (h) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“(h) Uralita SA, mit-28 ta' Jannar 1998 sal-31 ta' Diċembru 1998.”

(2) Fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2, il-punt (f) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“(f) Uralita SA: EUR 4 231 000.”

(12) L-imgħax li akkumula fuq is-somma ta' EUR 4 231 000, ladarba tħallas proviżorjament fis-16 ta' Settembru 2008, akkumula għall-benefiċċju tal-Kummissjoni u għaldaqstant se jinżamm minnha.
